21 ta' Ġunju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Qorti *versus* Carmen Izzo et.

**Awtorità tal-Qorti — Disprezz — Atti Ġudizzjarji — Notifika.**

*Il-fatt ta' min jirrifjuta li jirċievi n-notifika ta' att ġudizzjarju dirett għal superjur tiegħu jikkostitwixxi att ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti, avvolja f'dak ir-rifjut huwa jkun qiegħed jaġixxi b'eżekuzzjoni ta' istruzzjonijiet li jkun tah is-superjur tiegħu.*

*Anki l-fatt ta' min jirrifjuta li jagħti ismu u l-konnotati tiegħu lill-uffiċjal tal-Qorti huwa att ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti.*

*Huwa wkoll att ta' disprezz dak tas-superjur li jagħti ordnijiet lis-subalterni tiegħu biex ma jaċċettawx in-notifika ta' atti ġudizzjarji diretti għalih; u dan avvolja huwa jagħmlu biex jevita l-perikolu li s-subaltern li jkun irċieva n-notifika jonqos li jikkunsinnalu l-att hekk notifikat, u kwindi l-perikolu li ma jidhirx il-Qorti skond is-sejħa li tkun saritlu b'dak l-att.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenuti ġew imħarrkin biex iwiegbu talli fit-18 ta' dan ix-xahar l-imsemmija Izzo u Abel, impjegati ta' l-imsemmi Mizzi, irrifjutaw li jirċievu minn għand il-purtier Henry L. Calleja n-notifika ta' att ġudizzjarju intiż għall-istess Mizzi; talli fl-istess okkażjoni l-istess Abel irrifjuta wkoll li jagħti ismu lill-istess purtier Calleja; u talli l-imsemmi Mizzi, skond ma rriferew l-istess Izzo u Abel lill-purtier Calleja, kif jidher fir-rapport li dan l-uffiċjal għamel lil dina l-Qorti, ta istruzzjonijiet lil dawn iż-żewġ impjegati tiegħu li bihom fixkel l-eżekuzzjoni tad-doveri ta' uffiċjal tal-Qorti; u jiġu dikjarati ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk kundannati għal xi waħda mill-pieni kontemplati fl-art. 996 tal-Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabili għall-każ skond il-liġi;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi deher li l-imsemmijin Izzo u Abel, impjegati mal-konvenut l-ieħor Mizzi, irrifjutaw jirċievu att ġudizzjarju li l-purtier Henry L. Calleja mar biex jinnotifika lill-imsemmi Mizzi, billi, konformement għall-art. 186 (1) Kap. 15 Ediz. Riv., ried iħalli l-istess att f'idejn wieħed minnhom. Deher ukoll illi l-konvenut Mizzi taħom istruzzjonijiet biex ma jirċievux attijiet tal-Qorti. Dippjù Abel irrifjuta jagħti ismu lill-istess purtier;

**Ikkunsidrat;**

Illi ma hemmx dubju illi dak l-istess rispett li hu dovut lill-Qorti hu dovut ukoll lill-attijiet tagħha. Jgħid l-Oswald— "On Contempt, Committal and Attachment" — page 84 :— "The respect due to the Court itself is also owing to its process". Għalhekk din il-forma ta' "contempt of Court" tissejjaħ "obstructing the process of the Court". F'dan il-każ l-ostruzzjoni kienet tali li "impediet in-notifika" (ara Giles vs. Vernon (1728) 1 Barn. K.B. 56), u għalhekk aktar serja. In-notifika ta' att hi ordni tal-Qorti li għandu jiġi rispettat. Mr. Justice Wilmot fil-kawża R. vs. Almon (1765) 243, hekk qal: "A Court of Justice without power to vindicate its own dignity, to enforce obedience to its mandates, to protect its officers,........... would be an anomaly which would not be permitted in any civilised community. Without such protection, Courts of Justice would soon lose their hold upon the public respect, and the maintenance of law and order would be impossible..........." U ċ-Chief Justice Erle, ex parte Fernandez (1861), 30 L.J., C.P. 321, qal :— "There are many ways of obstructing the Court.......... These powers are given to the Judges to keep the course of justice free, powers of great importance to society, for by the exercise of them law and order prevail; those who are interested in wrong are shown that the law is irresistible. It is this obstruction which is called in law contempt, and it has nothing to do with the personal feelings of the Judge, and no Judge would allow his personal feelings to have any weight in the matter";

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatt li l-konvenuti Izzo u Abel kienu qegħdin jagixxu in eżekuzzjoni ta' l-istruzzjonijiet tas-superjur tagħhom, ċjoè

tal-konvenut l-ieħor Mizzi, ma jiswielhomx bħala eżoneru. Hu risaput, infatti, illi, kif ġie ritenut mill-Qrati Kanadiżi in re "*Bessette vs.* W.B. Conkey Co." (1904), 8 Butler's S.C.R. 324 (ċitata din id-deċiżjoni fl-Oswald, idem page 21c.) "a contempt proceeding is 'sui juris', in its nature criminal........." Għalhekk japplikaw f'din il-materja l-prinċipji tad-Dritt Kriminali. Issa, hi ħaġa nota illi d-difiża msejħa "obedience to *superior orders*" ma *tiakriminax* l-att *tas-subaltern*, *jekk ma* jkunx hemm fil-fatt koazzjoni. Biss, jekk l-ordni ma jkunx manifestament illegali, tista' tonqos il-"mens rea" fis-subaltern, jekk dan seta' ħaseb li l-ordni kien illegali (ara Crim. Law. *Harris*, *p.* 24);

F'dan il-każ kull vestiġju ta' possibili bwona fede f'Izzo u Abel sparixxa appena l-purtier wissihom li huma kienu b'liġi obligati li jirċievu l-att u huma baqgħu jippersistu fir-rifjut tagħhom;

*Dippjù, fil-każ tal-konvenut Abel, dan irrifjuta jagħti is*mu lill-purtier, u ċertament, dwar daqshekk ma kienx qiegħed jaġixxi in eżekuzzjoni ta' istruzzjonijiet tas-superjur tiegħu, imma minn jeddu. Il-purtier kellu l-jedd li jeżiġi li Abel jagħtih *ismu* u l-*konnotati tiegħu*, *għaliex* b'liġi, art. 70, Kap 15, kull uffiċjal inkarikat mill-ordnijiet tal-Qorti għandu, għall-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, l-istess setgħat li l-liġi tagħti lill-uffiċjali tal-Pulizija;

Kwantu għall-konvenut Mizzi, dan il-konvenut ta x-xhieda tiegħu u qal li, *peress* li, *f'okkażjoni preċedenti*, *inġunzjoni* "ad testificandum" li kienet ġiet konsenjata lil wieħed mill-impjegati tiegħu ma kienetx ġiet konsenjata lilu, u għalhekk hu ma kienx deher biex jixhed u weħel piena pekunjarja, għal*daqstant hu kien ta ordnijiet* lis-subalterni tiegħu sabiex ma jirċevux notifika ta' attijiet. L-istess ħaġa l-konvenut Izzo qal lill-aġent purtier Abdilla. Għalhekk id-difiża ssottomettiet li, peress li l-intenzjoni tal-konvenut Mizzi ma kienetx ħlief dik li jevita xi nuqqas ta' ubbidjenza għall-attijiet tal-Qorti, konsegwentement hu ma setax kellu l-*intenzjoni li jonqos mir-rispett* lill-Qorti;

Il-Qorti ma tistax taċċetta dan ir-riljev. Anki jekk il-konvenut Mizzi kellu dina l-intenzjoni, ġà ladarba, kif inhu notorju, u kif xehed hu stess, *in-notifika ta' attijiet tal-Qorti diret-*

ti għalih ġiet kemm il-darba, għall-aħħar tletin sena, eżegwita bil-konsenja ta' l-att lill-impjegati, skond il-liġi, kien dover tiegħu ta' prudenza elementari li ma jagħtix dina l-ordni, li hu ma setax almenu ma jissupponix kuntrarju għal-liġi u għall-ordnijiet tal-Qorti, qabel ma għallinqas jieħu l-parir ta' legali tiegħu. Meta n-notifiki b'dak il-mod kienu ilhom sejrin snin sħaħ, l-ebda persuna, u anqas u anqas negozjant okulat, kif inhu notorjament il-konvenut, ma setgħet ma tissupponix li kien sommament imprudenti aġir simili. Kif ingħad diġà, il-proċeduri għad-disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti huma ta' indoli kriminali. Issa hu ċar illi l-aktar veduta liberali li wieħed jista' jieħu hija dik li mill-parti tal-konvenut Mizzi kien hemm għallinqas dik li tissejjaħ "gross negligence". Huwa prinċipju ta' Dritt Kriminali li "gross negligence" tista' tkun, kif inhi ndubbjament fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, "such culpable negligence as........... amounts to criminal misconduct deserving of punishment" (Harris, Wilshere, page 21);

It-tliet konvenuti talbu skuża;

Ma hemmx dubju illi l-fatt ta' l-iskuża, għalkemm ma jneħħix, jattenwa r-responsabilità tagħhom, għaliex bl-iskuża li jitlob l-imħarrek għal "contempt of Court", kif jingħad fil-ġurisprudenza ingliża—"Techborn vs. Mestyn", 1867, Law Rep.—submits himself to the Court and does all in his power to clear his contempt" (ara wkoll App. Krim. "Il-Qorti vs. Giuseppe Darmanin", 16. 1. 1937);

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Wara li rat l-art. 996 Kap. 15 u l-art. 7. 13 u 15 Kap. 12 Ediz. Riv., u ikkunsidrat iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ;

Tikkundanna lill-konvenut Mizzi għall-piena tal-multa ta' £6, titħallas żmien jumejn, u l-konvenuti Izzo u Abel għall-piena ta' l-ammenda ta' £1 u £2 rispettivament, titħallas żmien tmint ijiem mil-lum. Il-konvenuti jħatu l-ispejjeż tagħhom.